



Sena Ewropea għal **Anzjanità Attiva**
u s-**Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet 2012**



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

It-Tnedija tal-Premijiet dwar is-Sena Ewropea 2012: Għoti ta' gieh lill-aħjar inizjattivi li jippromwovu l-anzjanità attiva u s- solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet

Brussell, 20 ta' Ġunju 2012. Bħala parti mis-Sena Ewropea għal Anzjanità Attiva u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet, Il-Kummissjoni Ewropea qed tnedi l-Premijiet tas-Sena Ewropea 2012 sabiex tikkomemora organizzazzjonijiet u individwi li jippromwovu l-anzjanità attiva permezz tal-attivitajiet tagħhom.

"Postijiet tax-Xogħol għal kull Età": Din il-kategorija tirrikonoxxi l-aħjar inizjattivi minn impjegaturi, għaqdiet tal-ħaddiema u organizzazzjonijiet li ma jaħdmux għal qliegħ li jippromwovu kundizzjonijiet ta' xogħol aħjar għall-impjegati aktar anzjani.

"Lejn Ambjenti favur l-Anzjanità": Din il-kategorija tirrikonoxxi inizjattivi notevoli minn awtoritajiet reġjonali jew lokali li joħolqu ambjent lokali inklussiv u aċċessibbli li jiffaċilita anzjanità attiva u li għandu effett pożittiv fuq is-saħħa u l-kwalità ta' ħajja tal-ġenerazzjonijiet kollha.

"Intraprendituri Soċjali": Din il-kategorija tirrikonoxxi l-aktar inizjattivi ta' suċċess li ttieħdu minn intraprendituri soċjali biex jippromwovu anzjanità attiva u solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet.

"Ir-Rappurtar fuq it-Tixjiegħ bejn il-Ġenerazzjonijiet": Din il-kategorija tirrikonoxxi x-xogħol ta' ġurnalisti li x-xogħol tagħhom irriżulta f'kontribuzzjoni sinifikanti għal għarfien akbar dwar sfidi ppreżentati minn soċjetà anzjana u kif dawn jistgħu jintgħelbu, b'hekk jitqanqal aktar il-livell tad-dibattitu pubbliku u titfassal politika aktar dħulija.

"L-Isfida dwar l-Istorja tal-Ħajja": Din il-kategorija tiċċelebra l-istejjer ta' ħajjet persuni aktar anzjani. Membri ta' ġenerazzjoni iżgħar huma mistiedna sabiex jgħidu l-istorja ta' persuna aktar anzjana (membru tal-familja, ġar, ħabib, eċċ.) u jippreżentaw il-kontribuzzjoni notevoli li "l-persuna attiva anzjana" qed jagħti lill-familja, fis-soċjetà, jew fix-xogħol.

"Il-kompetizzjoni, Ġenerazzjonijiet fi skejjel ": Immedija f'Marzu 2012, din il-kompetizzjoni tistieden lill-iskejjel fl-Ewropa biex jiftħu l-bibien tal-klassijiet tagħhom għal persuni anzjani. Tfal u persuni anzjani għandhom l-oportunità jirriflettu flimkien dwar x'jistgħu jitgħallmu minn xulxin u kif jistgħu jaħdmu flimkien għal futur aħjar. Skejjel parteċipanti jistgħu jtellgħu ritratti fuq is-sit elettroniku ddedikat sat-30 ta' Ġunju 2012. L-aktar proġetti kreattivi ta' bejn il-ġenerazzjonijiet ser jiġu rikonoxxuti.

Aktar tagħrif dwar il-Premijiet u kif wieħed jista' jipparteċipa jinsab fuq is-sit elettroniku ppremjat <http://europa.eu/ey2012/>.

Il-kompetizzjoni hi miftuħa sal-16 ta' Settembru 2012, u ċ-ċittadini kollha tal-Istati Membri tal-UE u dawk tal-Iżlanda, Liechtenstein u n-Norveġja jistgħu jieħdu sehem.

Il-finalisti f'kull kategorija ser jiġu mistiedna għaċ-ċeremonja t'Aġġudikazzjoni għal Anzjanità Attiva tas-Sena Ewropea 2012, li hi maħsuba biex issir f'Novembru fi Brussell.

Ikkuntattja:

EY2012awards@paueducation.com

jew

Andrea Ricciarelli, ICWE GmbH

Tel: +49 (0)30 310 18 18 43

Fax: +49 (0)30 324 98 33

andrea.ricciarelli@icwe.net